MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 154/2006

**Kawża Nru: 42**

**Rikors Ġuramentat Nru: 154/06 JA.**

**a**

**-vs-**

**B et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti żżewġet lill-intimat B fit-23 ta' Ġunju, 2001;

Illi l-intimat B telaq mid-dar matrimonjali f'April 2005;

Illi r-rikorrenti u l-intimat B sseparaw legalment fl-10 ta' Ottubru, 2005 permezz ta' kuntratt ippubblikat atti Nutar John Spiteri (Dok. "JB1") u baqgħet hekk fiżikament mifruda f'kull żmien materjali minn April 2005 sal-lum il-ġurnata;

Illi r-rikorrenti A bdiet relazzjoni ma' l-intimat C u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla D fid-9 ta' April, 2006 (Dok. "JB2") liema tifla minuri hija allura l-wild naturali ta' l-istess intimat C;

Illi hemm lok għalhekk illi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' D jiġi emendat fis-sens illi l-paternita' u d-dettalji, senjatament il-kunjom, ta' l-istess minuri jkunu korrettament jirrispekkjaw u jikkonformaw mal-fatt illi l-imsemmi C huwa l-missier naturali tal-minuri D;

Illi inoltre, l-imsemmi intimat B ma huwiex qiegħed iħallas manteniment lir-rikorrenti għall-ħtiġijiet ta' l-imsemmija minuri D;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija minuri D m'hijiex it-tifla naturali ta' B, *ex* raġel tar-rikorrenti ommha, iżda hija t-tifla naturali ta' l-intimat C b'mod illi hemm lok għall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;

2. Tordna għalhekk il-korrezzjoni meħtieġa fl-att tat-twelid ta' D, numru ___ tas-sena ____ sabiex il-paternita' tal-minuri tiġi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mniżżla l-konnotati tal-missier, il-konnotati ta' l-intimat B jiġu kkanċellati u minflok jiġu mniżżla l-konnotati ta' l-intimat C, kif dawn jirriżultaw mill-provi miġbura f'din il-kawża, u jitbiddel ukoll il-kunjom tal-minuri;

3. Tiddikjara li bħala l-missier naturali ta' l-imsemmija tifla minuri, l-intimat C huwa obbligat imantni ossija jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' l-istess minuri;

4. Tordna li l-kura u kustodja ta' l-imsemmija minuri D tiġi affidata lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-30 ta' Jannar, 2007 li permezz tagħha l-kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u jirriservaw li jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri kemm-il darba huma jiġu edotti mill-fatti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-ammissjoni tal-konvenut C kontenuta fir-risposta ġuramentata tiegħu ppreżentata fis-6 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha eċepixxa reverentement:

1. Illi huwa jaqbel ma' l-ewwel talba tar-rikorrenti li l-minuri D hija t-tifla naturali tiegħu minn relazzjoni li huwa kellu mar-rikorrenti A;

2. Illi huwa jaqbel li hemm bżonn ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' D numru ___ tas-sena ___ sabiex il-paternita' tal-minuri tiġi korrettament tirrifletti l-konnotati tiegħu bħala missier il-minuri D kif ukoll il-kunjom ta' l-istess minuri D jiġi jaqra C;

3. Illi huwa jaqbel li għandu jħallas il-manteniment għal bintu D kif *del resto* għamel sal-lum;

4. Illi dwar ir-raba' talba rikorrenti huwa jemmen li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata lilu u lir-rikorrenti konġuntivament;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi bil-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' C u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fid-9 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament l-esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet u r-raba' talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, fir-rigward ta' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, jeħtieġ illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fiżika bejn il-konjuġi u cioe' bejn l-intimat B u bejnha.

4. Inoltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat C biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

5. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artiklu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

7. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-30 ta' Marzu, 2007 li permezz tagħha l-konvenut B espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu ddikjara:

1. Illi l-eċċipjenti ppreżenta rikors ġuramentat dwar l-istess meritu fl-ismijiet inversi (Rik. Ġur. Nru. 157/06JA) liema rikors huwa kellu jippreżentah peress li l-Liġi timponi fuqu terminu ta' sitt xhur għad-denegata paternita' liema terminu huwa fatali u kwindi l-eċċipjenti ma setax ma jiħux il-passi li ħa sabiex jassigura ruħu li l-minuri D tiġi dikjarata bħala li m'hijiex il-wild naturali tiegħu. Illi l-istess rikors ġuramentat imsemmi jinsab differit għall-istess data ta' dak odjern u fil-fatt iż-żewġ rikorsi huma konnessi.

2. Illi fil-meritu kwantu għall-ewwel żewġ talbiet tar-rikors, l-eċċipjenti filwaqt illi jirreferi għat-talbiet tiegħu fir-rikors ġuramentat numru 157/06JA, jirrileva li huwa jaqbel illi jiġi dikjarat illi t-tifla D tiġi dikjarata bħala m'hijiex il-wild naturali tiegħu u jaqbel illi jkun hemm korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D sabiex il-paternita' ta' l-istess minuri tiġi korretta fis-sens illi huwa m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri; b'dan illi kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż l-esponenti jeċepixxi li huwa m'għandu jbati assolutament ebda spejjeż peress illi huwa la kellu kontroll u lanqas tort tal-fatt illi r-rikorrenti, ġja' martu, welldet tarbija qabel it-terminu legali tas-separazzjoni tagħhom u kwindi l-ispejjeż kollha sia tal-preżenti u kif ukoll tar-rikors fl-ismijiet inversi (Rik. Ġur. Nru. 157/06JA) għandhom jiġu ssopportati interament mill-attriċi.

3. Illi kwantu għat-tielet u r-raba' talbiet, l-eċċipjenti jirrileva li *una volta* huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D, dawn it-talbiet huma nfondati fil-

konfront tiegħu u għandu jiġi lliberat minnhom bl-ispejjeż kontra l-attriċi u dana peress illi la hemm manteniment x'jiġi deċiż fil-konfront tiegħu u lanqas kwistjoni ta' kura u kustodja essendo tali talbiet *res inter alios acta* fil-konfront ta' l-eċċipjenti u kwindi anke minn dan il-lat ir-rikorrenti ġja' martu għandha tbati l-ispejjeż kollha.

4. Salvi, jekk ikun il-każ, risposti ossia, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits ta' l-attriċi u tal-konvenut C.

Rat ir-rapport ta' l-espert tad-DNA.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha, u reġistrata bħala bint ir-raġel ta' l-attriċi u minnu separata, bħala tal-konvenut Said illi fil-fatt ammetta kif ġia' ingħad.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba attriċi u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni. Mill-provi jirriżulta li t-tarbija twieldet sitt xhur **wara** li ġie pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut B u wieħed jista' jiddeduċi li l-problemi matrimonjali bejniethom anke fid-dawl tad-deposizzjoni ta' l-attriċi kien beda sew qabel.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 japplika għall-proċedura skond l-artiklu preċedenti. Ikun tajjeb pero' li tiġi segwita l-proċedura imsemmija fl-Artiklu 256 li se tiġi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obbligat li jagħmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi żmien għaxart ijiem li jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenut:**

**1. tiddikjara lill-konvenut C missier naturali tal-minuri D;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarju (kompriż dak indikat fl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu) fl-att tat-twelid numru ____ ta' l-____ billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenut C minflok dawk tal-konvenut B u dan fi żmien għaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jiġi notifikat mill-attur bil-konnotati tiegħu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi u l-konvenut C solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------